MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 157/2006

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Anthony Scicluna (I.D. No. 302466M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-Korporazzjoni attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,026.57c) u dan kwantu ghal hames mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm577.35c) ghall-konsum u kera ta` metres ta` l-ilma u ta` l-elettriku tal-fond Paintechnik, Triq San Gwakkin, Imriehel skond il-kont numru 1000051357; kwantu ghal sebgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu

(Lm27.33c) ghall-konsum u kera ta` metres ta` l-ilma u ta` l-elettriku fil-fond Annabelle, Triq George Zahra, Luqa skond il-kont numru 840572460; kwantu ghas-somma ta` mija u hmistax-il lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm115.49c) ghall-konsum u kera ta` metres ta` l-ilma u ta` l-elettriku tal-fond 69, Carolina Court 7, Penthouse, Triq Giuseppe Cali, Ta` Xbiex skond il-kont 1000014871 u kwantu ghas-somma ta` tlett mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm306.40c) ghall-konsum u kera tal-metres ta` l-ilma u ta` l-elettriku fuq il-fond 6, Il-Lulu, Triq Wied il-Ghasel, Burmarrad skond kont numru 1000041688 u d-dokumenti annessi WSC1, WSC2, WSC3 u WSC4. Bl-ispejjez inkluzi tlettax-il lira Maltin (Lm13) ta` Ittra Ufficjali tad-29 ta` Dicembru, 2005 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li fis-seduta tal-11 ta` Dicembru, 2006 dehret Dr Alexia Zrinzo ghall-konvenut li pprezentat u qrat Nota ta` Ammissjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti u partikolarment fuq ammissjoni tal-konvenut, it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta` elf u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,026.57c) bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta` l-Avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------